MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 375/2009

**George Camilleri – ID-634562M**

**vs**

**Mario Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta’ Mejju tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas lill- attur is-somma ta’ tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro (€825) rapprezentanti bilanc li kien ghadu dovut skont il-fattura annessa ma’ l-istess avviz a fol 2 tal-process, u dana in konnessjoni ma’ xoghol ta’ installazzjoni li saret fil-proprjeta` bl-indirizz “Emanuela” Triq in-Nadur, Marsascala; bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Sema' lill-attur jixhed bil-gurament fejn ikkonferma illi l-bilanc li kien ghad fadallu jiehu minn ghand l-attur ghax-xoghlijiet minnu esebiti kien fl-ammont ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro (€825), u dana *in vista* tal-fatt illi dan il-bilanc kien baqa' ma thallasx lanqas fil-mori ta' dawn il-proceduri. Ezamina wkoll id-dokument esebit a fol 2 u 3 tal-process.

Ra illi l-konvenut ghalkemm insejjah diversi drabi biex iressaq il-provi tieghu fis-seduta tallum huwa baqa' ma attendiex ghas-seduta tallum, u ghalhekk wisq anqas ipprezenta xi forma ta' prova in kontestazzjoni ghat-talba attrici

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' tmien mija u hamsa u ghoxrin ewro (€825) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu ta' l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------